QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.

Il-Pulizija
(Spettur Bernard Charles Spiteri)

vs.

Dione Lautier

Numru: 43/2016

Illum 6 ta' Lulju 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Dione Lautier,** ta' tlieta u erbghin (43) sena, iben missier mhux maghruf u Pauline Lautier, imwieled Rabat, Ghawdex fil-21 ta' Gunju 1973, u residenti 'Ta' Malla Court', Flat 4, Triq Giorgio Borg Olivier, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 14673(G), akkuzat talli nhar id-19 ta' Lulju 2016, f'xi hin bejn 16.45hrs u 17.30hrs, waqt li kien qieghed fi Pjazza San Gorg, Rabat, Ghawdex u/jew fil-vicanzi;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Frank Tabone, hekk kif

iccertifika Dr. Michael Refalo M.D. mill-Isptar Generali ta' Ghawdex;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u glied;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmi Frank Tabone u l-familja tieghu, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412 C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

Il-Qorti giet gentilment ukoll mitluba illi minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Frank Tabone u l-familja tieghu sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hatja b'obbligazzjoni taghhom nnifishom taht penali ta' flus li tigi ffisata mill-Qorti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 120) datata 15 ta' Frar 2017 li permezz taghha baghat lill-imputat Dione Lautier biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(1) Fl-Artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Fl-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) Fl-Artikolu 412 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) Fl-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-23 ta' Frar 2017 (*a fol.* 121), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-15 ta' Frar 2017, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bil-procedura sommarja.

Rat illi waqt is-seduta tal-10 ta' Mejju 2017 il-Qorti semghet sottomissjonijiet da parte ta' Dr. Mario Scerri ghall-parte civile u ta' Dr. Jean Paul Grech ghall-imputat.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI

Preliminari

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire,* l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew medium ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew

mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mill-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħa jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li ma humiex prevvisti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero, stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li

tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjonijiet prezentati lilha mill-Prosekuzzjoni.

Oneru tal-Prosekuzzjoni

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u

dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali kunflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta

gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

Apprezzament tal-provi fl-assjem:

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il- Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Il-fatti specie tal-kaz

L-imputat u l-kwerelant jiggestixxu negozju qrib xulxin fi Pjazza San Gorg, Rabat, Ghawdex. L-incident bejn iz-zewg persuni sehh fid-19 ta' Lulju 2016 wara li kien allegat li thalla xi skart mill-

haddiema tal-Water Services Corporation (WSC) u minn argument bil-fomm spicca sehh l-incident fejn iz-zewg persuni soffrew griehi.

KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI

L-ewwel imputazzjoni
Artikoli 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta – Feriti Gravi

Skont gurisprudenza ormai pacifika, il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin" (ara Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Spagnol**, 12 ta' Settembru 1996, Vol. LXXX.iv.279).

Il-Qorti fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deciz fit-30 ta' Lulju 2004 qalet hekk:

> **"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-Imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar,**

fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."

Fis-sottomissjonijiet tad-difiza kien hemm stedina lill-Qorti biex tanalizza u tiddeciedi jekk japplikawx l-artikoli 223, 224 u 227.

Illi l-artikolu 223 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi:

"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-ligi jew mill-awtorita legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor."

L-artikolu 224, imbaghad jelenka is-sitwazzjonijiet fejn dina l-iskriminanti tista' tigi applikata.

"Sabiex id-difiza tal-legittima difiza tigi invokata b'success, il-ligi timponi certi kundizzjonijiet. Cjoe' theddid ta' xi agressjoni jew dannu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli kif ukoll biex jigi evitat perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri l-periklu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u

ma jridx ikun xi perikolu anticipat, ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima*[1]*."

Illi l-Qorti tqis illi dana kien kaz ta' perikolu anticipat u inoltre l-imputat ireagixxa b'mod vjolenti f'dan is-sinsitru. Ibda biex l-episodju mertu ta' dan il-kaz jista jinqasam f'zewg partijiet bil-bidu tieghu jsehh meta qam argument marbut ma' fdalijiet li thallew wara xoghol li ghamlu tal-Water Services Limited u x'hin l-imputat gie fl-idejn mal-*parte civile*. Dan ifisser allura illi l-imputat diga kellu konfrontazzjoni mal-parti leza ftit tal-hin qabel u seta' jevita konfrontazzjoni bil-vjolenza! Ma jistax imbaghad ighid illi huwa irreagixxa biex jiddefendi lilu innifsu meta l-inkwiet minflok evitah kompla isegwieh. Anke jekk *gratia argomenti* din il-Qorti kella temmen il-verzjoni tieghu xorta wahda din l-iskriminanti ma tistax tigi milqugha.

Illi ghalhekk ghall-istess motivi lanqas ma jista' japplika ghal dan il-kaz l-artikolu 227(c) tal-Kodici Kriminali li jitkellem dwar l-iskuzanti tal-provokazzjoni. Fost ir-rekwiziti sabiex tapplika dina l-iskuzanti hemm illi l-provokazzjoni trid tkun tali "**illi f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqiesu il-konsegwenzi tad-delitt**." Skont il-Professur Mamo il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta' temperament ordinarju jitlef il-kontroll tieghu. Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv; il-bniedem ta' temperament ordinarju. Illi

[1] Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Psaila deciza fl-20 ta' Jannar 1995

f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali deciza fl-10 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Paul Abela** gie deciz:

> **"Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta' l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta ... il-gurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma' l-attenwanti generali tal-provokazzjoni ighid hekk: "***la situazione psicologica di cui trattasi ... deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l-attenuante dovra' ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto***" **(Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397)."**

Illi ghalhekk hemm zewg elementi li jsawru dina l-iskuzanti u cioe' fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt ta' l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza.

Issa hawnhekk ukoll il-Qorti ma tqisx illi bniedem ta' temperament ordinarju kellu jkollu reazzjoni vjolenti billi jaghti daqqa ta' ponn lill-parti leza bil-konsegwenzi gravi li rrizultaw. Kwindi lanqas din l-iskuzanti ma tista' ssib applikazzjoni ghaliex, kif inghad l-imputat kellu kull opportunita' li jevita li jaffronta lill-parti leza b'mod agressiv u jekk kellu kwistjoni kellu mezzi civili biex tissolva l-problema li nqalghet.

It-Tieni imputazzjoni
Artikolu 338(dd) – Ksur tal-Bon Ordni

Din il-kontravvenzjoni tekwipara ghar-reat ta' *breach of the peace*. Issa, kif gie spjegat fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Busuttil** deciz fit-23 ta' Gunju 1994[2]:

> **"Skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, dan ir-reat javvera ruhhu meta jkun hemm dak li fil-*common law* Ingliza kien jissejjah *'a breach of the peace'*. Din l-ekwiparazzjoni ta' dana r-reat mal-kuncett Ingliz ta' *'a breach of the peace'* tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f'kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890, fl-ismijiet Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et., kien qal hekk:**
>
> ***'Che il buon ordine e la tranquillita` pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all'autorita` pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e` violazione***

[2] Vol. LXXVIII.v.277.

dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato'(Kollez. Vol. XII, p. 472, 475).

A skans ta' hafna repetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza migbura fl-artikolu intitolat *'Calleja v. Balzan: Reflections on Public Order'* pubblikat fil-Vol. X ta' *The Law Journal - Id-Dritt (University of Malta, Autumn 1983)* pagna 13 *et seq.*, u specjalment pagni 28 sa 31. B'zieda ma' dak li hemm f'dak l-artikolu wiehed jista' jghid li r-reat ta' *'breach of the peace'* fil-ligi Skocciza jirrikjedi wkoll certu element, imqar f'ammont zghir hafna, ta' allarm. Fi kliem McCall Smith u Sheldon, fil-ktieb taghhom *'Scots Criminal Law', Edinburgh, Butterworths, 1992)*:

'The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be 'alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace'. Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused 'concern' on the part of policemen at whom it was directed' (p. 192).

Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x'jammonta jew x'ma jammontax f'kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni u l-kwiet tal-

pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz, Gerald H. Gordon, fit-*test* awtorevoli tieghu *'The Criminal Law of Scotland' (Edinburgh, 1978)*:

'Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application' (p. 985, para. 41-01).

U aktar 'il quddiem l-istess awtur jghid:

'…. Although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone, such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead to actual disturbance' (p. 986, para. 41-01).

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Spiteri** deciz fl-24 ta' Mejju 1996, din il-Qorti diversament presjeduta ziedet tghid hekk:

"Il-Qorti hawnhekk tixtieq tippreciza a skans ta' ekwivoci li l-kuncett ta' *'breach of the peace'* kif abbraccjat fl-Iskozja huwa aktar wiesa' minn kif gie interpretat mill-qrati Inglizi. Fi kliem Jones u Christie fil-ktieb taghhom *'Criminal Law' (Edinburgh, Sweet & Maxwell, 1992)*, b'referenza ghal-ligi Skocciza in materja:

'While the major part of the criminal law of Scotland could indeed be expressed in some facile, breach-of-the-peace-type phrase, such as 'doing things (or refraining from doing things) which cause, or could reasonably cause alarm or disturbance', this would lead inevitably to complete uncertainty as to what exactly the law did prohibit. At present there is considerable uncertainty as to what breach of the peace itself properly covers; and it would thus be most unwelcome to extend that uncertainty by enlarging the scope of breach of the peace at the expense of other, fairly well defined offences. But this is, of course, something of a vicious circle. It is precisely because breach of the peace has become so ill-defined that it has proved possible for it to stray into fields occupied by other offences. The only way to halt this process is for breach of the peace to be defined in a clearer and more limited fashion than is currently the case. Regrettably, however, there is little indication that this is likely to be so' (p. 295).

Il-kuncett Ingliz ta' *'breach of the peace'* **li, kif inghad, il-Qrati taghna jidher li fil-massima segwew, gie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tieghu** *'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987)* **hekk:**

'Because of the association between 'peace' and 'quiet', there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is 'any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry'. But if any legal expression is a term of art,

breach of the peace is one of them. Recently the courts have refined the concept, and established very clearly that it is allied to harm, actual or prospective, against persons or property. The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell …. Watkins L.J. said: '…. Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done' (p.182).

Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bhala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) tal-art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Naturalment dawn ic-cirkostanzi jridu jkunu tali li oggettivament inisslu l-imsemmi inkwiet jew thassib."[3]

[3] Ara wkoll Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Alfred Pisani**, 5 ta' Mejju 1995; **Il-Pulizija v. Pio Galea**, 17 ta' Ottubru 1997; **Il-Pulizija v. Andrea Galea et**, 30 ta' Gunju 1998

Mill-provi prodotti tirrizulta l-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 338(dd), cioe` l-kontravvenzjoni ta' min "b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra f'dan il-Kodici, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku".

KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *Il-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[4]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor.

[4] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[5] dik il-Qorti qalet hekk:

> *Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx*

[5] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).

Illi din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-piena idonea li ghandha tigi inflitta fic-cirkostanzi fil-konfront tal-imputat.

Il-Qorti zammet quddiem ghajnejha dawn il-hsibijiet lill-Magistratura[6] waqt li kienet qeghda tgharbel x'tghid il-ligi u tiddeciedi dwar l-ingredjenti tar-reati involuti:

Id-dmir fdat f'idejkom b'servizz lin-Nazzjon għandu bħala għan tiegħu t-tħaddim tajjeb ta' qasam vitali tal-ħajja soċjali. Għalhekk nixtieq nesprimi l-istima u l-inkuraġġiment tiegħi għall-ħidma tagħkom u lejn dawk kollha li huma impenjati f'dan il-qasam b'kuxjenza retta u b'sens qawwi ta' responsabbiltà ġuridika u ċivika.

[6] Diskors lill-Membri tal-Kunsill Superjuri tal-Magistratura minn Papa Frangisku nhar it-Tlieta 17 ta' Gunju 2016

Nixtieq nieqaf fuq aspett etiku li l-uffiċċju tal-maġistrat jinkarna fih. F'kull pajjiż in-normi ġuridiċi għandhom l-għan li jħarsu l-libertà u l-indipendenza tal-maġistrat, biex jista' jwettaq bil-garanziji meħtieġa x-xogħol importanti u delikat tiegħu. Dan lilkom iqegħidkom f'pożizzjoni ta' importanza partikulari, biex twieġbu b'mod adegwat għall-inkarigu li s-soċjetà tafdalkom, biex timxu b'imparzjalità dejjem inkonfutabbli; biex tiddixxernu b'oġġettività u prudenza u msejsa biss fuq in-norma ġuridika ġusta; u fuq kollox biex twieġbu għal-leħen ta' kuxjenza soda mibnija fuq il-valuri fundamentali. L-indipendenza tal-maġistrat u l-oġġettività tal-ġudizzju li jesprimi, jitolbu applikazzjoni attenta u puntwali tal-liġijiet applikati fil-mument. Iċ-ċertezza tad-dritt u l-bilanċ bejn id-diversi poteri ta' soċjetà demokratika jsibu s-sintesi tagħhom fil-prinċipju tal-legalità, li l-maġistrat ifittex li jħares.

Mill-ġudikant jiddipendu deċiżjonijiet li mhux biss jinfluwenzaw id-drittijiet u l-beni taċ-ċittadini, imma li jħallu impatt fuq l-istess ħajja tagħhom. Għalhekk, is-suġġett tal-ġudizzju, f'kull livell, għandu jkollu kwalitajiet intellettwali, psikoloġiċi u morali li jagħtu garanzija ta' affidabbiltà għal funzjoni ta' tant importanza. Fost il-kwalitajiet kollha, dik dominanti u, fil-fehma tiegħi, speċifika għall-ġudikant hi l-prudenza. Din m'hix virtù biex ma tiħux azzjoni: "Jien prudenti: ma niħux azzjoni", le! Hi virtù ta' tmexxija, virtù biex tmexxi l-affarijiet 'il quddiem, il-virtù li tgħinek tqis b'serenità r-raġunijiet tad-dritt u tal-fatt li għandhom ikunu fil-qafas ta' kull ġudizzju. Ikollok iżjed prudenza jekk tikseb bilanċ għoli interjuri, li kapaċi jaħkem fuq il-

ġibdiet tal-karattru partikulari, il-veduti personali, il-konvinċimenti ideoloġiċi tiegħek.

Is-soċjetà ... tistenna ħafna mill-maġistratura, speċjalment fil-kuntest attwali kkaratterizzat, fost l-oħrajn, minn nixfa fil-wirt tal-valuri u mill-evoluzzjoni tal-istrutturi demokratiċi. Agħmluh impenn tagħkom li ma tiddeludux dak li leġittimament tistenna minnkom in-nies. Ħabirku biex tkunu dejjem iżjed eżempju ta' moralità integra għas-soċjetà kollha. M'humiex neqsin tagħlim u mudelli ta' valur għoli li minnhom tistgħu titnebbħu. Nixtieq insemmi l-figura ispiranti ta' Vittorio Bachelet, li mexxa l-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura fi żminijiet diffiċli qatigħ u spiċċa vittma tal-vjolenza tal-hekk imsejħa "snin taċ-ċomb"; u dik ta' Rosario Livatino, maqtul mill-Mafja, li bħalissa għaddejja l-kawża tal-beatifikazzjoni tiegħu. Huma taw xhieda eżemplari tal-istil li għandu jkollu l-lajk fidil Nisrani: leali lejn l-istituzzjonijiet, miftuħ għad-djalogu, sod u kuraġġjuż fil-ħarsien tal-ġustizzja u d-dinjità tal-bniedem.

DECIDE:

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti wara li rat Artikoli 214, 215, 217, 218 u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat Dione Lautier hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih u tikkundannah ghal perjodu ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tlitt (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta′ din is-sentenza u x′jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlitt (3) snin. Inoltre, b′applikazzjoni tal-Artikolu 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta, il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta′ Protezzjoni fil-konfront ta′ Francis Tabone ghal perjodu ta′ tlett (3) snin millum skond id-Digriet anness ma′ din is-sentenza.

____

Dr. Joseph Mifsud
Magistrat